



Brussell, 29 ta' Jannar 2026
(OR. en)

05440/26

COPS 29
CFSP/PESC 104
CSDP/PSDC 40
EUMC 23
POLMIL 25
COAFR 17
ATALANTA 4

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2244 (EUNAVFOR ATALANTA/1/2026)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA' (PESK) 2026/...

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea
bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima
fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar
(EUNAVFOR ATALANTA),
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2244
(EUNAVFOR ATALANTA/1/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA',

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

¹ ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2008/851/oj.

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, li tipprevedi operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA).
- (2) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR ATALANTA (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (3) Fl-4 ta' Novembru 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2244², li taħtar lill-Komodor João Pedro MONTEIRO DA SILVA bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mis-7 ta' Novembru 2025 'il quddiem.
- (4) Fis-7 ta' Jannar 2026, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew il-ħatra tal-Kaptan Daniele Paolo Maria MARTINUZZI biex jieħu post il-Komodor João Pedro MONTEIRO DA SILVA bħala Kmandant tal-Forza tal-UE (il-“ħatra proposta”). L-awtoritajiet militari Taljani indikaw li l-Kaptan Daniele Paolo Maria MARTINUZZI jiġi promoss għal Viċi Ammirall qabel il-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (5) Fit-8 ta' Jannar 2026, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għal EUNAVFOR ATALANTA appoġġa l-ħatra proposta.

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/2244 tal-4 ta' Novembru 2025 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1173 (EUNAVFOR ATALANTA/3/2025) (ĠU 2025/2244 L, 5.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2244/oj>).

- (6) Fit-12 ta' Jannar 2026, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Kaptan Daniele Paolo Maria MARTINUZZI jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kaptan Daniele Paolo Maria MARTINUZZI bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (8) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2244 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Daniele Paolo Maria MARTINUZZI huwa maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) mill-20 ta' Frar 2026 'il quddiem.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2244 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Frar 2026.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President*
